# X'QALU FUQ SAN GUŻEPP







San Guzepp kien maghzul fost il-bnedmin biex ikun il-protettur u l-gwardjan tal-Vergni Omm Alla, id-difensur u l-missier putattiv ta' Alla Tarbija u l-ko operatur fuq l-art u l-bniedem li Alla fdalu s-sigriet dwar il-hidma tal-fidwa u l-umanita' –

San Bernard ta' Clairvaux

San Guzepp kien bniedem gust, haddiem bla heda, il-gwardjan onest ta' dawk li gew fdati f'idejh. Jalla dejjem ihares, jipprotegi u jdawwal lill-familji, -

San Gwann Pawlu II, Papa.

Billi lkoll irridu mmutu, ghandna nghożżu devozzjoni speċjali lejn San Guzepp, biex hu jikseb ghalina mewta hienja. L-insara



kollha jqisuh bhala l-avukat ta' l-aggonizanti li kienu jonorawh matul hajjithom u jagħmlu dan għal tliet ragunijiet: L-ewwel, ghax Gesù Kristu habbu mhux biss bhala habib, imma bhala missier, u minhabba f'hekk il-medjazzjoni tieghu hija ferm iktar effikaci minn dak ta' kwalunkwe Qaddis iehor. It-tieni, ghax San Gużepp kiseb qawwa specjali kontra l-ispirti hżiena, li jittentawna b'qawwa doppja fis-siegha tal-mewt. It-tielet, l-assistenza moghtija lil San Ġużepp fil-mewt tieghu minn Gesù u Marija kisbet ghalih id-dritt li jassigura mewt qaddisa u pacifika għall-qaddejja tieghu. Ghalhekk, jekk jinvokawh fis-siegha tal-mewt mhux biss jghinhom, imma jikseb ghalihom ukoll l-ghajnuna ta' Gesù u Marija. –

San Alfons Liguori.







Tabilhaqq li ghandna nonoraw lil San Guzepp peress li l-Iben ta' Alla nnifsu ghogbu jonorah billi sejjahlu missier. L-Iskrittura Mqaddsa titkellem dwaru bhala missier Gesu'. "Missieru u ommu kienu mistaghgbin b'dak li ntqal – dwaru" (Luqa 2:33). Marija wzat ukoll dan l-isem: " Ara, missierek u jiena konna qegħdin infittxuk b'qalbna maqsuma! "(Luqa 2:48). Jekk, mela, ir-Re tas-Slaten ghogbu jgholli lil Gużeppi għal dinjità daqshekk gholja, huwa sewwa u obbligatorju min-naha taghna li nistinkaw biex nonorawh kemm nistghu. –

San Alfons Liguori

Matul l-istorja tas-salvazzjoni, Alla ripetutament ghazel kandidati, l-inqas li tistenna, biex jaghmlu l-volonta' tieghu. Mose' kien itemtem, Pietru kien sajjied,



Pawlu kien persektur  tal-Knisja u Guzepp kien mastrudaxxa. Li jghodd quddiem Alla mhux l-istatus taghna, il-prestigju jew kemm id-dinja ggibna, imma semplicement li naghmlu r-rieda Tieghu. San Guzepp immudella kull mument ta' hajtu fuq l-umilta' u l-ubbidjenza – meta aacetta lil Marija f'daru, meta ta l-isem helu ta' Gesu' lit-tarbija, meta harab lejn l-Egittu u meta irritorna lura lejn Nazaret. San Guzepp huwa r-ragel li hadd ma kien jaghti kaz tieghu ghax kien bniedem ordinarju jghix mohbi mill-istorbju tad-dinja, kien gwida fi zmien ta' inkwiet. Jghallimna li dawk li jghixu hajja mistura jew imwarrba, jistghu ikunu partecipanti fis-salvazzjoni tal-bnedmin.

HSIEB  FUQ PUNT TA' L-ITTRA APPOSTOLIKA TA' PAPA FRANGISK PATRIS CORDE